# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

# ONOR.IMHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru : 411/2020 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**AC**

**U**

**KC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 27 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi r-rikorrenti, AC, u KC, zzewgu fl-erbatax ta' Lulju elfejn u sebgha (14/07/2007) fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Luqa, u dan skont l-anness certifikat immarkat 'Dok 'A';*

2) *Illi mir-relazzjoni ta' bejniethom twieldet tifla, LC f'X.*

3) *Illi r-rikorrenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, datat is-sebgha ta' Marzu elfejn u tmintax (07/03/2018), in atti n-Nutar, Dottoressa Dorianne Arapa, u dan skont id-dokument esebit u mmarkat, Dok. 'B';*

4) *Illi llum-il gurnata ma hemm ebda prospett li l-partijiet jirrikonciljaw stante li ilhom ghal dawn erbgha (4) snin separati de facto minn xulxin. In oltre, illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u addirittura ffurmaw rabtiet ohra ma' persuni ohra;*

5) *Illi, in oltre, ma hemm l-ebda pendenza bejn il-partijiet rigward il-manteniment dovut ghall-minuri, u, in oltre, l-istess partijiet kienu reciprokament irrinunzjaw li jitoblu jew jircievu manteniment minghand xulxin, u dan skont l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni sopra citat;*

6) *Illi l-partijiet jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul. Għal dan il-għan huma qegħdin jagħtu struzzjonijiet konġunti lill-avukat sottoskritt sabiex jirrappreżenthom f'dawn il-proċeduri ta' hall ta' zwieg;*

7) *In oltre, ir-rikorrenti, KC, tixtieq li tirriverti ghall-kunjom xbubitha, ossia, M;*

8) *In oltre, kull parti qieghda tipprezenta l-affidavit rispettiv taghha, liema affidavit jinsabu esebiti u mmarkati bhala Dok. 'C', l-affidavit ta' AC, u Dok. 'D', l-affidavit ta' KC;*

8) *Illi, dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, r-rikorrenti qeghdin jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha li:*

1) *Tawtorizza u tippronunzja l-hall ta' zwieg bejn AC u KC u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom, tal-erbatax ta' Lulju elfejn u sebgha (14/07/2007), maħlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodiċi Ċivili;*

2) *Tawtorizza li r-rikorrenti, KC, sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha, u cioe`, M, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex inizzel l-annotazzjonijiet aposití f'kull certifikat relattiv tar-rikorrenti, KC, b'kunjom xbubitha, ossia M, u kif ukoll;*

3) *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw f'seduta stante nhar it-13 ta' Mejju 2021 li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 17);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AC** xehed (vide affidavit fol 10) illi l-kontendenti iltaqghu fl-2003 meta kien ghad kellu tlieta u ghoxrin (23) sena, waqt li martu kellha erbatax-il sena (14) -il sena. Fit-8 ta' Novembru 2003 kellhom wild u wara erba' snin, nhar l-14 ta' Lulju 2007 iddecidew li jizzewgu f'Malta. Sostna illi waqt iz-zwieg kien ikollhom wisq argumenti u fl-2016 iddecieda li jiltaq minn Malta u mar jghix l-Ingilterra. Sussegwentement, il-partijiet isseparaw nhar is-7 ta' Marzu 2018 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. Sostna illi mis-separazzjoni sal-lum l-gurnata ma kienx hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Di piu xehed illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment.

**KC** xehdet (vide affidavit fol 11) u kkonfermat dak li xehdet zewgha. Di piu, uriet ix-xewqa illi tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe M.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu***

***minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Lulju 2007, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1252/2007 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3) u minn din ir-relazzjoni twieled tifla qabel z-zwieg, sussegwentement il-kontendenti kienu izzewwgu.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianna Arapa nhar l-20 ta' Marzu 2018 (vide kuntratt ta' separazzjoni Dok B a fol 4 et seqq.) izda ilhom separati de facto minn 2016. Ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti, rat it-talba ta' KC hekk kif indikata fir-rikors kongunt sabiex il-Qorti tawtorizza lil KC sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe M.

Il-partijiet ddikjaraw illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1252/2007 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu, tawtorizza lil KC sabiex tirreverti ghall-kunjom xbubitha u cioe M, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**